**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 92 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Leonard Sacco**

Illum, 9 ta' Dicembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Leonard Sacco, 38 sena iben Victor u Maria Grazia xebba Zahra, mwieled Pieta nhar is- 16 ta' Frar 1977 u li joqghod Blk 4, Ent A, Flt 112, Triq l-Ghassies, Marsaskala, Id- 134277M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1) Fis-6 ta' Mejju 2015 ghal habta ta' bejn il- 11:00am u 11:15am bejn Triq Hal-Qormi u Triq Valletta, Hal-Luqa, Malta minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' G 701 Malcolm James Gilford, ta' natura hafifa, jew igibilha disordni f' mohha kif iccertifikat Dr. Moses Camilleri (reg :2242) tal-Isptar Mater Dei, Malta u dan bi ksur tal-Art 214, 215, 221 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f' kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, ingurjat, jew heddidt, jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta' G701 Gilford Malcolm James, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghaha jew li tinfluwixxi fuqha

kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Art 95 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra G701 Gilford Malcolm James persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-Art 96 tal-Kap 9.

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma jobdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' G701 Gilford Malcolm James li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jhallihx jew ifixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b' xi mod iehor, bla jedd, jindahal fi dmiru, billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b' xi mod iehor ikun li jkun, kemm il-darba din id-disubbjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-kodici jew ta' ta' ligi ohra u dan bi ksur tal-Art 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b' mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassart, jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg ta' G701 Gilford Malcolm James, mobbli jew immobbli fil-qmis u helmet ghad- dannu ta' aktar minn €250 rispettivament u dan bi ksur tal-Artikli 325(b) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti, rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti inkluz ir-rapport ta' l-incident, l-affidavit ta' PS 1480 Sandro Mallia, il-kwerela, sett ta' tnax il-ritratt immarkati bhala dokument AM1.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Gunju, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 338 (ee), 325 (1) (b), 325 (1) (c), u 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta, filwaqt li sabithu **mhux hati** tat-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet migjuba kontrih u illiberatu minn kull htija u piena, sabithu **hati** tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni, u ikkundannatu ghal multa ta' elf Euro (€1,000) u inoltre, a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena wahda (1) mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22 (3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Rat ir-rikors tal-appellanti Leonard Sacco minnhu pprezentat fit-2 ta' Lulju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ma sabitux hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni;
2. Thassarha in kwantu sabitu hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni;
3. B'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tigi kkonfermata l-htija kif inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti, li tvarja l-piena mposta, b'piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat illi l-esponenti hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu, u b' hekk qieghed jinterponi dana l-umli appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. **<u>Dwar il-Kredibbilita' tal-parti leza</u>**

**A.1. Dwar ix-Xhieda ta' Malcolm Gilford u l-Kredibbilita' Tieghu**

Kif tixhed is-sentenza appellata, l-esponenti, permezz tal-istess gudizzju, instab hati illi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Malcolm Gilford kill ukoll illi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Gilford waqt li kien qed jaghmel servizz pubbliku bhala gwardjan lokali.

Jibda sabiex jinghad illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet ikkonfrontata b'zewg verzjonijiet kontrastanti fejn min-naha l-wahda kien hemm il-*parte-civile* Malcolm Gilford u missieru Lawrence Gilford li fix-xhieda taghhom allegaw illi l-esponenti aggredixxa lil Malcolm Gilford habta u sabta u min-naha l-ohra insibu l-verzjoni tal-esponenti Leonard Sacco li offra spjegazzjoni dettaljata, konsistenti u sorretta bi provi ta' dak illi effettivament sehh dak in-nhar tas-6 ta' Mejju, 2015.

Kemm fix-xhieda tieghu *viva voce* quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ta' nhar il-21 ta' Frar, 2017, u kif ukoll precedentament fil-verzjoni li huwa ta' *a tempo vergine* nhar is-6 ta' Mejju, 2015 gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid, l-esponenti b'mod skjett spjega x'moviment ghamel u li permezz tieghu Malcolm Gilford setgha sofra ferita hafifa fuq geddumu. L-appellant kien konsistenti fil-verzjoni tieghu u dejjem enfasizza l-fatt illi li hu fl-ebda mument ma' kellu l-intenzjoni li jagredixxi jew li b'xi mod iwegga lil *parte-civile.*

Ghall-appellant, mix-xhieda tieghu, jemergi bic-car illi dak li hu abjad abjad u dak li hu iswed, iswed. Bl-ebda mod u manjiera ma pprova jahbi xi fatt illi effettivament gara, u dan b'kuntrast assolut mal-verzjoni illi ta' l-*parte civile* – verzjoni illi lanqas l-ewwel Onorabbli Qorti ma emmnet izda ghal raguni inspjegabbli ghazlet li xorta wahda tistrieh fuqha u ssib htija!!

Illi f'kazijiet ta' dana l-generu, fejn ikun hemm zewg verzjonijiet kunfliggenti, il-Qorti ghandha:

> "*… tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss zewg xhieda, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed**. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti***."[1] [Sottolinejar tal-esponenti].

[1] Il-Pulizija v. Noel Buhagiar, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta'April 2008, per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono.

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li jistipula li ghal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taht l-artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun mehtiega x-xhieda taghhom, jew fir-rizultat tal-kawza : -

> "*id-decizjoni (dwar il-kredibbilta' ta' xhieda) tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi* ***jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz***." [Sottolinejar tal-esponenti].

Illi sfortunatament l-ewwel Onorabbli Qorti hekk kif ppreseduta mal-mument tas-sentenza ma kelliex l-opportuntia illi tara l-atteggjament tal-parte civile u ta' missieru fuq il-pedana stante li tali deposizzjonijiet nghataw waqt li l-Qorti kienet qed tigi ppreseduta mill-Magistrat Dr. A. Bugeja u cioe qabel mal-istess gudikant gie elevat ghal imhallef. Madanakollu minn analizi tat-transcript jirrizulta car kristallin illi dak li xehed il-parte civile u missieru m'ghandux mis-sewwa.

F'dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Daniel Gatt'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' Dicembru 2019, per Onor. Imhallef Aaron M. Bugeja, fejn intqal hekk:

> "*Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jghid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' spergur ghaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qaghda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull kaz, il-Qorti ma ghandhiex il-fakulta u s-setgha li tidhol fil-profondita' tal-mohh, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi c-certezza assoluta ta' dak li jkun qed jahseb u jghid billi taqralu mohhu u qalbu.*"

Minn ezami approfondit tax-xhieda moghtija mill-*parte-civile* Malcolm Gilford u missieru Lawrence Gilford fl-udjenza quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ta'

jemergu diversi inkonsistenzi u kontradizzjonijiet, uhud minnhom sejrin jigu indikati f'dan l-appell u fit-trattazzjoni tal-istess.

Fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar it-12 ta' Mejju, 2015 Malcolm James Gilford primarjament xehed illi n-noti illi minn fuqhom kien qieghed jiddeponi kien kitibhom hu, il-gurnata ta' qabel, tant hu hekk illi xehed:

> *"Qorti: Ha nara dawk in-notamenti li ghandek Sur Gilford please, dawk min kitibhom dawn in-notamenti?*
>
> *Xhud: Dawk kollox jiena.*
>
> *Qorti: u dawn meta ktibthom?*
>
> *Xhud: Dawk ktibthom il-bierah filghaxija"*

Madanakollu in kontro-ezami, x-xhud ibiddel kompletament il-verzjoni tieghu u meta mistqosi mill-avukat difensur tal-esponenti dwar l-istess noti, ix-xhud jinfixel u stqarr illi:

> *"Xhud: hemm hekk dawk in-noti li hemm miktubin dak in-nhar hadhomli ta' malajr il-field officer 581 illi gie hemmhekk l-isptar hdejja. Ghidtlu hafif, hafif x'gara u x'ma garax"*

Ghalkemm wiehed jista' jaghti l-kaz illi Gilford tfixkel meta kien qieghed jixhed, madanakollu lanqas il-field officer 581, li b'kunbinazzjoni jahbat illi jigi missier Malcolm James Gilford ma jikkorrabora tali verzjoni.

**Field Officer 581, ossia Lawrence Gilford,** nhar it-12 ta' Mejju, 2015 xehed illi dak li kiteb fuq il-primi noti tal-parte civile ma kienx dak li qallu Malcolm Gilford, izda kiteb dak li allegatament ra u semgha hu. Aktar minn hekk, b'kuntrarju ghal dak li qal ibnu u cioe li n-noti nkitbu waqt li kienu qeghdin l-isptar meta Lawrence Gilford gie mistoqsi fejn inkitbu tali noti, ix-xhud jistqarr illi:

> *"Dr Azzopardi: U allura dawn in-notamenti li staqsietek il-Qorti fuqhom ktibthom fuq il-post?*
>
> *Xhud: Fuq il-post, fuq il-post"*

Ir-raguni ghala Malcolm Gilford hass li kellu jigdeb fuq il-pedana tax-xhieda hija misteru. Pero' dina ma kienetx l-uniku stanza fejn il-parte civile fl-istess deposizzjoni ikkontradixxa lilu nnifsu ghax meta in kontro ezami gie mistoqsi:

> *"Dr Azzopardi Gieli kellek xi incident ma' xi hadd iehor li ma spicca il-qorti?*
>
> *Xhud: Ma jidhirlix*
>
> …..
>
> *Xhud: jekk ma hiniex sejjer zball dak il-kaz tal-istop sign tal-Pulizija l-ghaliex issa qed niftakar kien gara z-Zurrieq, kont hiereg minn fuq stop sign jien u waqaft ghax kienu gejjin il-karozzi, kont hiereg qed indur ma' nofs ir-roundabout u baqghet hierga l-vettura…*
>
> *Dr Azzopardi: Mela ftakartu l-incident?*
>
> *Xhud: l-incident ftakartu"*

Pero' l-inkonsistenzi fix-xhieda tal-parte civile ma jieqfux hemm. Fl-ezami, ix-xhud jghid illi:

> *"Xhud: il-hsara saret billi l-viser mad-daqqa nqala' minn postu u baqa' ma nstabx il-viser tieghu"*

Madanakollu kemm PS 539 Fabian Caruana kif ukoll Lawrence Gilford jgiddbu lil *parte civile.* PS 539 Caruana xehed illi:

> *"Dr. Azzopardi: jigifieri int ghandek amment li urewk il-helmet u rewk il-visor u bhal issa d-dubju tieghek hu jekk il-visor hux maqlugh minn mal-helmet?*
>
> *Xhud: Ehe"*

*In oltre* Lawrence Gilford xehed illi:

> *"Qorti: Il-visor inti kien f'idejk?*
>
> *Xhud: Ehe u poggejthom fuq il-mutur"*

Jigifieri mhux talli l-visor ma kienx mitluf, izda l-visor kien qieghed f'idejn missier il-parte civile!

Gidba sfaccata ohra u li ttappan bil-kbir l-affidabilita' ta' dan ix-xhud hija l-parti fejn l-istess parte civile xehed illi huwa lanqas biss resaq lejn il-vettura tal-esponenti. Madanakollu, ir-ritratti illi esebixxa l-appellant juru bic-car kif il-mudguard tal-vettura tieghu kien qala' daqqa ta' sieq, ezatt kif xehed u ikkonferma bil-gurament tieghu l-esponenti. Pero' dwar dan il-punt, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex biss quddiemha l-kelma tal-imputat u dik konflingenti tal-parte civile izda kellha ukoll ezebiet quddiemha l-qalziet illi kien liebes Gilford dak in-nhar tal-incident, qalziet illi effettivament kien gie ezebit fuq talba tal-esponenti stess.

Hekk kif wiehed ihares lejn dan il-qalziet, immedjatament jintebah illi bejn il-koxox tal-istess Gilford hemm ticrita, ticrita illi saret hekk kif il-parte civile ghollha saqajh f'daqqa u ta' daqqa fuq il-mudguard tal-vettura tal-esponenti, tant li ccarratlu l-qalziet minn bejn saqajh!!

Dan kollu ghandu jinqara fid-dawl ta' dak li xehed l-ufficjal prosekutur stess fejn nhar it-12 ta' Mejju, 2015 xehed illi:

> "*Xhud: Biex nghidlek is-sewwa ghax qieghed hawn bil-gurament u rrid nghid kollox kellimni persuna li tigi mill-istess Gilford u qalli li dan mhux l-ewwel incident li kellu*"

Ghandu jigi mfakkar ukoll illi Gilford xehed **<u>gimgha biss</u>** wara li sehh l-incident illi wassal ghall-proceduri odjerni, jigifieri lanqas jista' jinghad illi x-xhud setgha b'xi mod nesa jew tfixkel dwar dak li veru gara fuq il-lok tal-incident.

Dan kollu juri kif il-verzjoni ta' Malcolm James Gilford u ta' missieru Lawrence Gilford la ghandha mis-sewwa, la hija wahda konsistenti u lanqas hija msahha minn provi ulterjuri – karatteristici illi jemergu mill-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Dan apparti l-fatt li kif gie muri u in linea mal-istess artikolu 637, il-verzjoni tal-esponenti giet imsahha u konfortata bi provi konkreti misjuba fl-atti.

Konsegwentament, fid-dawl tal-premess; senjatament fid-dawl ta' tali inkonsistenzi, inkonsistenzi illi effettivament intebhet bihom l-ewwel Onorabbli Qorti ukoll stante li sahansitra waslet biex rriteniet illi Gilford

mhux pur kif beda jipprova jaghti l-imagini waqt id-deposizzjoni tieghu[2], l-esponenti jemmen bis-shih illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issejjes il-gudizzju taghha fuq il-verzjoni tal-istess parti leza stante li din il-verzjoni mhix wahda konsistenti, kredibbli u/jew korroborata.

A bazi tal-fatt li Malcolm James Gilford ma huwiex kapaci jghid il-verita', il-htija tal-esponenti ma hijiex safe and satisfactory for confirmation upon appeal. Legittimament u ragjonevolment meta x-xhud primarju huwa giddieb, jekk ikun hemm sejbien tal-htija hawn isehh l-antitezi tal-gudizzju skond il-ligi u cioe jsehh ezercizzju ta' ingustizzja.

**B. <u>Dwar dak mistqarr mill-appellant lil PS539 Fabian Caruana</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti

Nhar it-12 ta' Mejju, 2015, **PS Fabian Caruana** xehed illi meta kien fuq il-post tal-incident, l-esponenti ghamel xi dikjarazzjonijiet, liema dikjarazzjonjiet jafu jkunu inkriminanti.

Illi ghalkemm Caruana xehed illi hekk kif mar fuq il-post huwa allegatament ta' lill-esponenti d-dritt ta' avukat pero' minn imkien ma jemergi x'posizzjoni ha l-esponenti u cioe jekk ried jew ma riedx avukat. Madanakollu certament ma tahx id-dritt illi jkollu l-avukat prezenti mieghu waqt li jaghmel kwalunkwe dikjarazzjoni illi tista' b'xi mod jew iehor tkun inkriminanti – dritt kostituzzjonali illi fiz-zmien mertu tal-akkuzi odjerni kien ghadu ma dahalx fis-sehh fil-Ligi Maltija.

L-appellant huwa tal-fehema li kwalunkwe dikjarazzjoni illi ghamel mas-Surgent Fabian Caruana u kwalunkwe referenza ghal tali dikjarazzjonijiet, huma 'provi' inammissibbli u dana stante li jilledu d-drittijiet tieghu hekk kif imharsa mill-artikoli 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana fid-dawl tal-fatt li meta ghamel l-istess dikajrazzjonijiet, l-esponenti ma kellu l-ebda opportunita

[2] Fol. 16 tas-sentenza appellata – "Il-Qorti bla tlaqliq tishaq li m'ghandhiex l-icken dubju li fl-aternazzjoni mertu ta' dan il-kaz, iz-zewg partijiet kellhom sehem"

jkollu, konsulent legali tal-ghazla tieghu **<u>prezenti matul it-tehid tal-verzjoni tieghu mis-Surgent Fabian Caruana.</u>**

Id-dritt ghal smiegh xieraq skond fl-**artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja** gie estiz mill-gurisprudenza Ewropeja mhux biss ghad-dritt li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-Qorti izda ukoll ghal *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u interrogata.

B'hekk jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) jitlob u jesigi li s-suspettat ghandu dritt li jikkonsulta ma' avukat kemm qabel tittiehed l-istqarrija tieghu, izda ukoll waqt l-istess tehid tal-istqarrija.

Qieghda ssir referenza wkoll ghal decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija [Spt. M. Bondin] vs Aldo Pistella'</u>** deciza nhar is-27 ta' Gunju, 2017 mill-Onor. Imhallef J. Zammit McKeon liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-14 ta' Dicembru, 2018 fejn il-Qorti ddecidiet illi:

> ***"Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni."***

Di piu' dan koll u ghandu jinqara fid-dawl ta' dal li xehed l-ufficjal Prosekutur stess fejn sahansitra saghtejn wara li gara l-allegat incident, l-esponenti kien ghadu "*il-hin kollu jibki*" – l-appellant kien qieghed taht xokk u fil-fatt a bazi ta' dak illi jiddisponi l-Att dwar il-Pulizija – Kap164 tal-Ligijiet ta' Malta – l-esponenti kellu jigi meqjus bhala persuna vulnerabbli u kellu jkun zgurat li kwalunkwe dikjarazzjonijiet maghmula minnu ma kienux frott in-nuqqas ta' kapacita li jifhem u japprezza is-sinifikat tal-istess dikjarazzjonijeit

Ghaldaqstant a bazi tas-su espost, bir-rispett qieghed jigi sottomess illi a bazi tal-fatt illi l-esponenti ma kellu l-opportunita li jkellem lill-konsulent legali tieghu kemm qabel waqt id-dikjarazzjonijiet maghmula minnu lil PS539

Fabian Caruana, tali verzjoni ttiehdet bi ksur tal-Artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u konsegwentament sabiex l-interessi tal-esponenti jibqghu intatti, kien/huwa mehtieg li l-imsemmija verzjoni u kwalunkwe referenza ghaliha ma jigux ikkunsidrati bhala provi ammissabbli u ma jkollhom l-ebda piz probatorju.

C. **<u>Dwar l-element formali tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-esponenti</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Kif gia gie ritenut aktar 'il fuq, l-esponenti, permezz tas-sentenza appellata, instab hati illi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Malcolm Gilford kill ukoll illi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Gilford waqt li kien qed jaghmel servizz pubbliku bhala gwardjan lokali.

Huwa bazilari illi tali reati mhumiex ta' natura kontravenzjonali izda huma klassifikati bhala delitti. Konsegwentament kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni illi tipprova kemm l-azzjoni materjali illi twassal ghal tali delitt kif ukoll l-element formali, u dan a tenur tal-massima legali *'actus non facit reum nisi mens sit rea'.*

Ghandu jigi nnutat illi l-esponenti fl-ebda stadju u bl-ebda mod u manjiera ma pprova jghatti x-xemx fl-gharbiel u jissottometti illi Gilford waqt dan l-incident ma soffriex ferita ta' natura hafifa, ghax f'dan ir-rigward il-provi huma cari, skjetti u indubitabbli. Madanakollu sa mill-ewwel stqarrija illi rrilaxxa l-esponenti, l-appellant dejjem sostna illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni kriminuza illi jikkawza tali griehi fuq il-persuna ta' Gilford.

Fil-fatt mill-PIRS report ezebit jirrizulta illi l-esponenti mill-bidu nett sostna illi *"…waqt li kien qed isuq kellu l-mobijl f'idu u waqfu l-warden G701 u qallu illi kien ser iharku, fejn hu nizel mill-van u qallu li ma kienx qed icempel u hekk kif gie l-warden l-iehor G581 sabiex jassistih, kif hareg t-tahrika hatafielu u kien qisu ha jhebb ghalih u dak il-hin bil-hasda gholla idu u laqtu fuq geddumu bil-mobile, hekk kif neza l-helmet u kien ser ihebb ghalih biha, pero' zammu l-gwardjan l-iehor"*

Mis-sentenza appellata jemergi bic-car illi lanqas l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienet konvinta illi meta Gilford sofra l-ferita hafifa, l-esponenti agixxa b'intenzjoni kriminuza, tant hu hekk illi l-ewwel Onorabbli Qorti meta giet biex taghmel referenza ghall-agir illi permezz tieghu wegga' l-parte civile ddeskriviethu bhala **'moviment maghmul mill-imputat'**[3], la tirreferi ghal tali agir bhala aggressjoni, la bhala daqqa u lanqas bhala glieda.

Illi b'kull dovut rispett imma jekk persuna taghmel moviment u b'mod accidentali twegga' lil persuna ohra, ma jfissirx illi kien hemm xi intenzjoni kriminuza illi tigi kkawzata xi ferita.

Fil-kaz odjern l-*actus reus* gie ppruvat izda fejn hi l-prova tal-*mens rea*?

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu jghallem illi l-elementi li jsaqwru r-responsabilita' kriminali qeghdin migburin fil-principju legali *'actus non facit reum nisi mens sit rea'*. Profs. Mamo jghallem li:

> ***"Intention, in general, is the purpose or design with which an act is done. It is the fore-knowledge of the act; coupled with the desire of it; such fore-knowledge and desire being the cause of the act, in as much as they fulfil themselves through the operation of the will. An act is intentional if, and in so far as, it exists in idea before it exists in fact, the idea realising itself in the fact because of the desire by which it is accomplished."***

A bazi tat-taghlim su espost, il-Prosekuzzjoni kellha d-dmir u l-obbligu legali li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li Sacco meta ghamel l-imsemmi moviment, ghamlu bl-intenzjoni kriminuza illi jwegga u/jew jingurja lil Gilford – liema prova ma tista' qatt tezisti u konsegwentament l-appellant ma setgha qatt jinstab hati la tal-ewwel u lanqas tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

D. **Dwar il-Piena**

[3] Fol. 16 tas-sentenza appellate – "F'dan il-kaz, wara li din il-Qorti gharblet ix-xhieda kollha m'ghandhiex dubju li l-griehi li sofra l-parte civile G701 Gilford sofrihom waqt li kien qed jaghmel is-servizz pubbliku ta' gwardjan lokali b'rizultat ta' movimenti maghmula mill-imputat."

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu su espost u fl-eventwalita' biss li l-punti precedenti jigu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti huwa tal-fehma li diversi cirkustanzi kellhom ikunu ikkunsidrati ghall-fini ta' piena.

**D.1 Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali**

In kwantu jirrigwardjaw l-ewwel u t-tieni akkuzi, li taghhom instab hati l-esponenti, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tali artikolu jistipula li:

> *Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, ighoddu d-disposizzjonijiet li gejjin:*
>
> *(h) meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi.*

Fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg'[4] fejn il-Qorti sostniet:

> ***"Pero' din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata ma jidhirx li ttiehed rigward tal-fatt li r-reat taht it-tieni imputazzjoni, cioe' dak ta' danni volontarji kagjonati mil-isgassi esterni w interni li saru, kienu servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' serq aggravat. Di fatti ma saret ebda referenza ghall-artikolu 17 (h) u ghalhekk din il-Qorti tifhem li fis-sentenza appellata nghatat piena kumulattiva w komplessiva ghaz-zewg reati f' daqqa. Invece, l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Krminali jiddisponi li meta zewg reati jew izjed iservu bhal mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l- piena ghar-reat l-aktar gravi.***
>
> ***Ghalhekk minnhabba dan in-nuqqas jidher li hemm lok ghal certu temperament fil-piena. "***

Ghaldaqstant l-esponenti jikkontendi illi galadarba ma saret ebda referenza ghal dan l-artikolu fid-decide, dina l-Onorabbli Qorti ghandha timponi piena aktar ekwa u gusta fid-dawl tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

[4] Deciza nhar is-17 ta' Settembru,2008 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

**D.2 Dwar ic-Cirkostanzi kollha illi waslu ghal tali procedure fid-dawl tal-artikolu 227 tal-Kodici Kriminali**

Illi kif juri l-atti processwali u kif fl-ahhar mill-ahhar tirrifletti s-sentenza appellata, il-fatti kollha tal-kaz jippuntaw lejn il-fatt illi l-parte civile kellu sehem u s-sehem tieghu kien wiehed kbir ghal kuntrarju ta' dak li pprova jpingi fuq il-pedana tax-xhieda.

Kollox jipponta lejn il-fatt illi l-verzjoni illi stqarr u kkonferma bil-gurament tieghu l-appellant odjern – hija verzjoni illi kienet konsistenti mill-bidu sat-tmien.

Verzjoni illi turi illi dan l-allegat incident kien kollu frott provokozzjoni shiha u ingusta min-naha tal-parte civile, provokazzjoni illi hija karatteristika tal-istess Gilford kif effettivament kkonferma bil-gurament kemm PC646 Albert Saliba kif ukoll eks PS 94 Jack Farrugia.

Kif tant iehor jikkonferma l-ufficjal prosekutur meta xehed illi l-incident odjern ma kienx l-uniku wiehed ta' Gilford.

Illi konsegwentament jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss jigi konkluz illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta sabet htija taht l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, ghandu jigi kkunsidrat illi l-imputat agixxa f'daghdigha wara li gie provokat minn Gilford stess. Dan kollu huwa relevanti fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 227 tal-Kodici Kriminali

Dan kollu ghandu jkun ikkunsidrat fl-eventwalita li dina l-Onorabbli tiskarta dak hawn fuq su espost u tikkonkludi illi l-appellant kellu l-intenzjoni kriminuza rikjesta mil-Ligi.

**D.3 Dwar il-Piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti**

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellant ghall-multa ta' elf (€1,000) Euro kif ukoll a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, lliberatu bil-kundizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Madanakollu l-ewwel Onorabbli Qorti permezz tas-sentenza appellata naqset milli tidentifika ghal liema reat l-esponenti gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ohra fi zmien sena u ghal liema reat gie mmultat ihallas elf Euro.

Illi fid-dawl ta' din l-ambigwita', l-esponenti jistaqsi fl-eventwalita' illi huwa jikkommetti reat volontarju fi zmien sena, ta' liema reat il-Qorti jkollha l-jedd timponi piena u ta' liema reat l-esponenti jkun gia hallas?

Illi b'kull dovut rispett,l-piena hekk kif erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti mhiex wahda skond il-ligi u ghandha tigi varjata.

Rat ix-xhieda inserita fl-atti u d-dokumentazzjoni esebita fl-atti.

Rat is-sentenza preliminari taghha datata 20 ta' Ottubru, 2020 fejn *ex ufficcio* iddikajrat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bhala nulla stante li l-ewwel Qorti kienet ikkundannat lill-appellant hati u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elf euro u fl-istess hin illiberatu bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena minn dakinhar tas-sentenza.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti qabel ma tidhol u tittratta mal-aggravji sollevati mid-difiza ghandha tezamina l-process kollu u tara u tevalwa dak kollu li intqal mid-diversi xhieda imresqa biex jixhdu fil-proceduri odjerni.

Illi **PS 1287 D Calleja** xehed permezz ta' affidavit mahluf minnu nhar id-9 ta' Mejju, 2015 esebit fl-atti bhala dok HC 1 a fol. 10 tal-process. Dan spjega illi nhar is-6 ta' Mejju, 2015 kien qieghed duty 1st watch l-ghassa tal-pulizija ta' Hal Luqa, meta ghall-habta tal-11.30 a.m ircieva telefonata minghand il-control room tal -pulizija fejn gie mgharraf li fi Triq Hal-Qormi, Luqa fejn il-hanut SML kien hemm gwardjan

lokali li kellu bzonn l-assistenza ghax kien qieghed jigi aggredit. Huwa flimkien ma PC 965 u PC 1216 marru fuq il-post indikat lilhom.

Hemmhekk sab is-sitwazzjoni kienet gja giet ikkontrollata minn pulizija tas- sezzjoni tat-Traffiku u l-appellant kien gja gie arrestat waqt li l-allegat vittma u cioe l-gwardjan lokali kien qieghed fl-ambulanza biex jinghata l-kura mehtiega.

Qal li huwa stabilixxa li l-gwardjan lokali kien certu Malcolm Gilford. Dan qallu li kien qieghed gewwa Triq Hal Qormi, Luqa u hin minnhom nnota vettura li x-xuffier kien qieghed isuq bil-mobile f'idu u ghalhekk ghamillu s-sinjal biex jieqaf. Huwa ghalhekk waqqaf lix-xuffier li inzerta kien l-appellant u appena qallu li kien ser iharku ghaliex kien qed isuq bil-mobile f'idu dan beda ikelmu bl-herra u kien qed iheddu li kien ser isibu barra personalment u ipattihielu. Kif ra hekk dan Malcolm ghajjat ghall-assitenza . Qal ukoll li appena ta' it-tahrika lill-appellant dan gibidha bl-herra u wara tah daqqa ta' ponn bil-mobile f'idu fuq geddumu bil-konsegwenza li tajjarlu l-*crash helmet* kif ukoll qalbu ma l-art .

Qal li ha ukoll il-versjoni ta' G 581 Field Officer Lawrence Gilford fejn dan stqarr li f'hin minnhom sema lil G 701 Malcolm jghajjat li kellu bzonn l-assistenza gewwa Triq Hal Qormi, Luqa u immedjatament mar fuq il-post. Appena wasal innota lill-appellant jargumenta ma Malcolm u mar iwaqqafhom u wara talabhom jghatu l-versjoni ta' dak li kien gara. Dwar dak li qallu l-appellamt din il-Qorti mheix ser tikkummenta stante li tali xhieda ma gietx mehuda bil-kawteli kollha tal-ligi.

**PC 965 M Camilleri** xehed permezz ta' affidavit mahluf fid-9 ta' Mejju, 2015 prezentat fl-atti markat bhala dok HC 2 a fol. 16 tal-process u kkonferma dak li qal PS 1287 li mar fuq il-post li gie indikat lilhom li kien mehtieg l-assistenza.Mieghu kien hemm PC 1287 u PC 1216. Ikkonferma li meta waslu fuq il-post is- sitwazzjoni kienet taht kontroll u PS 539 Fabian Caruana kien gja arresta lill-appellant waqt li l-gwardjan lokali kien qieghed fl-ambulanza ghax kien qed jigi imdewwi ghall- feriti li kellu. Jghid li PS 1287 ha l-versjoni ta' dak li gara mill-partijiet waqt li hu akkompanja lill-appellant l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid b'odrni ta' l-ispettur.

**PS 1314 Raymond Ambrogio** xehed permezz ta' affidavit mahluf fid-9 ta' Mejju, 2015 prezentat fl-atti markat bhala dok HC 3 a fol. 17 tal-process u kkonferma li appena kellu ir-rapport li sehh incident fi Triq Hal- Qormi, Luqa kien baghat lil PS 1287, PC 965 u PC 1216 fuq il-post. Qal li kien PS 1287 li ha xi notamenti ta' dak li kien gie rapportat li gara u huwa ghaddihom lil WPS 262 Diane Galea biex tghamel ir-rapport taghha. Jghid ukoll li fl-10 ta' Mejju, 2015 filghodu l-appellant ipprezenta *survey report* u stima tal-hsara li fil-fehma tieghu giet kagonata mill- gwardjan lokali u ghalhekk kien hu li aggorna r-rapport 3/E/1784/2015 .

Rat l-okkorenza esebita fl-atti mehuda minn **WPS 262 Diane Galea** esebita fl-atti u markata bhala dok HC 4 a fol. 19 tal-process . Illi hija rraportat dak kollu li xehed PS 1287. Zidet pero' li l-Gwardjan lokali 701 Malcolm Gilford pprezenta certifikat mediku mahrug minn Dr Moses Camilleri fejn gie certfikat li kein qed isofri minn griehi ta' natura hafifa. Hekk indikat li nhar is 7 ta' Mejju 2015 Malcolm Kien mar l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid u pprezenta ircevuta tal-helmet Zeus 202fb li tammonta ghal €60 kif ukoll tal- uniformi li kien gie miftuq u l-qmis li kellha id demm li jammontaw ghal €50. Fl-10 ta' Mejju 2015 kien mar l-appelant l-ghassa u pprezenta stima tal-hsara li allegatament ikkaguna l-gwardjan lokali G701 meta ta' daqqa ta' sieq fuq l-mud guard tal-lemin ta' qaddiem tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAU 596 oltre l-ispejjez tas *survey report* li jammontaw ghal €100.

**Malcolm James Gilford,** G 701 xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-12 ta' Mejju 2015[5] u dan gie mgharraf mill-ewwel Qorti qabel ma beda jixhed (stante li l-pulizja seduta stante infurmatu li kienet ser tiehu passi kriminali fil-konfront tieghu) li seta ma iwegibx d-domandi li r-risposta taghhom setghu jinkriminawh. Ix-xhud ghazel li jixhed u spejga li nhar is-7 jew 8 ta' Mejju 2015, kien jum il-Hamis ghall-habta tal-11.15 a.m waqt li kien fi Triq Hal –Qormi, Luqa hdejn SML waqqaf vettura nurmu ta' registrazzjoi DAU 597 tal-ghamla Mitsubixhi van u dan ghaliex ix-xuffier kien bil-mobile f'idu. Jghid li rah jitkellem u ghalhekk waqfu ftit 'l fuq minn SML.Qal li s-sewwieq nizel jigri mill-vettura u mar bl-herra ghalih waqt li telaq il-van f'nofs ta' triq. Qallu li ma kienx minnu li kellu l-mobile f'idu tant li iktar 'l isfel kien hemm

---

[5] Fol. 31 tal-process

tat-traffik, u qallu li jekk iharku hazin kien ser ikun ghalih. Staqsih jekk kienx qed iheddu u wiegbu fl-affermattiv. Ex admisses jghid li qallu *" infittxek personalment"*. Qallu li kien ser igib lil ta' fuqu u kellu jirrepeti l-istess kliem u ghalhekk ghajjat lill-ispettur 567 fuq ir-radio. Dan qallu li kien qieghed San Gwann izda semghu l-*field officer* u qallu li kien sejjer fuq il-post. Qal li fuq il-post wasal 581 u fil-presenza tieghu ammetta mieghu li kien bil-mobile f' idu izda ma kienx qed jitkellem. (Dan qed jigi rapportat ghaliex jikkostitwixxi xhieda res gestae li inqal mill-apellant) Qal li hariglu t-tahrika u kompla jheddu. Appena qata' it-ticket u kien ser jghaddihulu dan hatafhomlu ghaffighom u tah daqqa fuq geddumu bil-mobile f'idu. Qasamlu geddumu u kellu d-demm nizel, kellu l-qmis mimlija demm u dak il-hin waqa' ma l-art. Kif qam minn ma l-art ra l- *field officer* 581 iressaq sid il-van lura u qallu biex jimsah id-demm minn ma geddumu, neza l-helmet tefaghha ma l-art u mesah id-demm. Qal li l-visor tasal sa geddumu izda ma tattix geddumu. Qal ftit wara waslu l-pulizija tat-raffic u xi ufficcjali ohra. Ikkonferma li kien hu li nziel hdejn l-Express Trailers biex ighajjat lill-pulizija.

Qal li dakinhar ma ghamilx rapport l-ghassa izda tkellem biss mal-pulizija tat-traffic. Jghid ukoll li xehed minn fuq in-notamenti tieghu li esebixxa u li jinsabu f'envelop kannella a fol. 31 tal-atti tal-process. Huwa kkonferma li l-appellant huwa l-persuna li aggredietu u li d-dokument esebit fl-atti dwar il-hsara tal-helmet gie mghoddi minnu lill-pulizija fl-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid. Spjega li l-hsara li kellu kien fil-visor li inqala' minn postu bid-daqqa u dan ma instabx meta l-helmet giet migbura mill-ghassa xi jiem wara. Ikkonferma ukoll li kellu hsara fl-uniformi.

In kontro esami jammeti li n-notamenti eebiti fl-atti ma kitibhomx hu izda missieru *field officer* Lawrence Gilford 581 meta mar jarah l-isptar. Jghid li missieru qallu biex jghidlu x' kien gara u kitibhomlu malajr . Jghid li fiff-att missieru kien fuq il-post meta huwa qala id-daqqa ghalkemm meta waqqaf lill-appellant ma kienx hemm. Jghid li l-visor kienet inqalghet minn mal-helmet qabel ma qala' l-helmet u qal l-missieru qallu biex jimsah geddumu mid-demm. Jghid ukoll li l-appellant ammetta mieghu li kellu l-mobile f'idejh waqt li kien qed isuq u meta mar biex iharku qallu '*tharriknix ghax hazin ikun ghalik*'. Mistoqsi jekk qallux il-kliem *'din ma tieqafx hawn'* jghid li le. Qal li hu wiegbu li kien ser igib ta' 'fuqu u dak il-hin nizel ghalih bl-herra.

Mistoqsi jekk ghajrux *chicken* u sifidah ghal glied jghid li le. Mistoqsi jekk ta' xi daqqiet fuq il-karozza tal- appellant jghid li le u lanqas resaq lejn il-vettura. Mistoqsi x' size ta' zarbun jilbes jghid 45/46.

Ix-xhud rega xehed nhar 21 ta' Frar, 2017[6] u rega ikkonferma li n-notamenti fuq il-librett kitibhom missieru l-gwardjan lokali Lawrence Gilford meta kien hdejh l-isptar u mistoqsi jekk inkitbux fuq il-post tal-incident kif stqarr missieru jghid li le izda inkitbu l-isptar. Qal li missieru talbu x'kien gara u missieru kiteb dak li qallu. Dak il-hin kien migugh izomm il-gerha li kellu. Ikkjarifika ukoll il-fatt li l-visor fuq il-post tal-incident instab u tpogga fuq il-mutur izda meta mar ghalih l-ghassa ma instabx. Qal li l-affarijiet li kellu fuqu tax-xoghol spiccaw ma l-art meta qala id-daqqa taru minn fuqu u dak il-hin waqa' ma l-art . Qal li r-radio inqala minn mal-clip mac-cinturin u l-apparat li kellu f'idu u cioe l-icon tal- SML tkaxkar tul ta' zewg karozzi. Ikkonferma li meta nehha l-helmet il-visor kian ghadu hemm izda meta telqu ma l-art l- visor ghosfra. Mistoqsi kif izzarrat il-qalziet jghid li dan sehh meta qala id-daqqa u waqa' ma l-art . Mistoqsi jekk il-qalziet izzarratx meta ta' daqa ta' 'sieq il-van Mitsubishi jghid li le lejn il-van ma resaqx. Mistoqsi jekk tax il-qmis mimlija bid-dem lis-superjur tieghu jghid li ma jiftakarx. Jghid pero' li l-pulizija talbuh ghal qalziet u ghalhekk tahulhom. Ikkonferma li m' ghadux jahdem bhala gwardjan lokali.

**Spettur Hubert Cini** xehed nhar it-12 ta' Mejju, 2015[7] u jghid li fis-6 ta' Mejju, 2015 kien gie infurmat mill-ghassa li kien sehh incident fil-konfront ta' Maldolm James Gilford, gwardjan lokali G 701 liema incident kien beda fi Triq Valletta u kompla fi Triq Hal Qormi,Luqa. Ikkonferma li r-rapport sar minn OS 539 li jahdem mat-Traffic section. Dan qallu li kien hemm ambulanza fuq il-post u li Gilford ittihdet l-isptar. Ikkonferma li fuq il-post marru PC 1287 u PC 965 biex jiehdu ir-rapport ta' dak li kien gara u ma grax. Ikkonferma li kien tkellem mal-appellant gewwa l-ufficcju tieghu u li in effetti kien irrilaxja stqarrija wara li kien tkellem mal-avukat tieghu Dr Annemarie Mangion. Qal ukoll li l-appellant ghamel rapport fil-konfront tal-

[6] Fol. 168

[7] Fol. 60 tal-process

gwardjan lokali dwar il-hsara li ghamillu fil-vettura tieghu u fil-fatt kien ghaddielu stima u *survey report.*

Mistoqsi in kontro esami ghaliex ma ressaqx lill-appellant taht arrest jghid ghaliex peress li l-piena hija inqas minn sentejn ried iresqu mas-seduta biex ihaffef il-proceduri pero' jghid li d-decisjoni tieghu ma nizlitx tajjeb ma ta' fuqu. Qal li mieghu l-appellant ma kienx aggressiv anzi beda jibki. Qal pero' li kien dejjem kostanti bil-versjoni ta' kif sehhew l-affarijiet. Dwar Gilford jghid li sa fejn jaf hu dan mhux l-ewwel incident li kellu.

**PS 539 Fabian Caruana** xehed nhar it-12 ta' Mejju, 2015 u kkonferma li nhar is-6 ta' Mejju, 2015 kien hdejn l- Express Trailers, Qormi road, Luqa jghamel *spot checks* u ghall-habta tal-11.30 mar gwardjan lokali numru 701 u qallu li kellu bzonn l-assistenza minhabba li kien hemm bniedem li kien hebb ghalih. Qal li huwa mar mieghu u qallu li l-bniedem kien hebb ghalih ghaliex kien waqfu biex iharku ghaliex kien qed jghamel uzu minn mobile waqt is-sewqan. Qallu li appena tah ic-citazzjoni dan tah daqqa go wiccu u fil-fatt kellu d-demm dak il-hin f'wiccu. Ikkonferma li meta mar ikelmu kien libes helmet *half face* bil-bicca tal-geddum mhux mghotti. Qal li l-warden indikalu l-appellant bhala l-persuna li aggredietu. Dak il-hin infurmah li kien taht arrest u cempel lill-pulizija tad-distrett biex jinfurmhom dwar l-arrest tal-appellant u cempel ghall-ambulanza minhabba il-feriti li kellu Gilford. Qal li huwa irraporta dak li kien jaf lill-pulizija tad-distrett.. Mistoqsi jekk rax il-hsara fuq il-mudgiard tal-vettura tal-appellant jghid li ma rahiex u ma gietx indikata lilu. Qal li kien hemm xi gwardjan iehor li qallu li l-helmet tal- gwardjan lokali numru 701 kellha xi hsarat pero' hu ma marx ifittex xi visor . Huwa jaf li gie muri helmet pero' jek kellux visor jew le ma jiftakarx u lanqas jaf jekk l-visor kienx mal-helmet jew kellhiex l-hsara.

Illi nhar id-29 ta' Settembru, 2015 rega xehed u pprezenta l-qalziet li kien libes Gilford dakinhar tal-incident li gie markat bhala dok HC1

**G 585 Stephen Cassar** xehed nhar it-12 ta' Mejju 2015, Spettur tar-reggjun tac-centru, ikkonferma li Malcolm James Gilford huwa gwardjan lokali u x-xoghol tieghu huwa

li jkun fuq ir-rotta jharrek u kul tant jahdem TM jigifieri ikun ghassa mal-krejnijiet. Ilu jahdem mal-kumpoanija Guardian Wardens mis-sena 2014.

**G 581 Lawrence Gilford** xehed nhar it-12 ta' Mejju, 2015, u kkonferma li jigi missier Malcolm James u jahdmu flimkien bhala gwardjani lokali ma l-istess kumpanija. Qal li jiftakar li kien jum il-Hamis fix-xahar ta' Mejju u kien qiegħed xoghol duty in-naha tal-MIA u sema lill ibnu Malcolm James ighajjat fuq ir-radio lill-Ispettur taghhom. Dan kien ghall-habta tal-11.00a.m. Qal li kien jaf li l-Ispetur taghhom 567 kien irritorna lura lejn l-bazi San Gwann fuq bicca xoghol ohra u peress li huwa *field officer* mar jiehu azzjoni. Sejjah lill ibnu u staqsih jekk kellux bzonn xi haga u qallu li kellu bzonn l-assistenza. Mar fuq il-post u sab lill-appellant jargumenta ma ibnu u dan ghaliex ibnu kien harku peress li allegatament kien fuq il-mobile waqt li kien qed isuq. Meta nizel ibnu qal lill-appellant li issa' hawn ta' 'fuqi' u ha l-vesjoni ta' ibnu u qallu x' gara u ma garax u dak il-hin dar fuq l-appellant u beda isaqasih xi affarijiet. Waqt li kien hemm ibnu hareg xi ticket u l-appellant hatafulu minn idejh u tah daqqa ta' ponn. Jghid li tah daqqa bil-mobile. Jghid li rah itihielu. Qal li id l-appellant ghaddiet minn quddiemu u rah itih id-daqqa. Mad daqqa ibnu dawwar wiccu u ra li kien mimli bid-demm. Ra lil ibnu jistordi u jaqa' ma l-art . Izda wara ftit rega qam neza l-crash helmet u qallu biex jimsah id-demm. Qal li kkomunikaw mal-pulizija tat-traffic ta' hdejn ir-*round about* ta' Express Trailers u minn hemm hadu azzjoni huma. Qal li l-appellant li gharaf fl-awla hemmhekk kellem lill ibnu hazin u qallu '*ma hlistiex minghandi ghax fit-triq insibek b'daqqa ta' karozza qal kelma hazina imbaghad li tibda bil l...*"

Jghid li ibnu illarga minn hdejh meta mar hdejn l-Express Trailers biex jitlob l-ghajnuna u dak il-hin qal lill-appellant biex jibqa' hemm la refa idejh fuq l-gwardjan lokali. Qal li ra li mad-daqqa il-visor inqalghet minn mal-helmet Imbaghad ibnu tefa l-crash helmet ma l-art u meta qallu biex jimsah id-demm qal li ra li anke l-visor kien imcappas. Qal li dawn gew mehuda mill-pulizija tad-distrett izda meta mar l-ghassa bic-certfikat mediku l-pulizija qaltlu biex jiehu l-crash helmet u l-visor ma kienx hemm. Pero' jekk hadux il-helmet bla visor ma jafx ghaliex imbaghad mar l- isptar bil-mutur biex jara x'sar minnu ibnu. Wara l- incident fuq il-post marru is-superjuri

tieghu certu Joseph Naudi numru 567 u is-supretendent Sandro numru 254. Mistoqsi jekk rax lill-ibnu jaghti daqqa ta' sieq fil- mudguard tal-appellant jghid li ma rahx.

Muri l-librett esebit fl-atti a fol. 31 jghid li fuqu minn fol. 5 sa 8 hija l- kaligrafija tieghu u qal li kitibhom hu ghaliex ibnu kellu id-demm ma wiccu u kien hemm l-ambulanza u bdew idewwuh u beda jikteb x'gara u ma garax ghax fuqu ma kellux librett. Qal li huwa kiteb dak li gara meta wasal hu fuq il-post . Ikkonferma li dawk in-notamenti kitibhom hu fuq il-post tal-incident. Mistoqsi jekk meta sab il-visor u poggih fuq il-mutur ibnu kienx gja telaq bl-ambulanza jghid li ma jiftakarx. Jiftakar pero' li meta waslu il- 567 u l 254 fuq l-post ibnu kienghadu hemm fl-ambulanza.

**Godwin Vassallo** xehed in rappresentanza tal-kumpanija tal-Gwardjani lokali fil-kapacita tieghu ta' HR Operations u pprezenta dokument dwar prezzijiet tal-uniformi tal-gwardjani lokali (fol. 135) u d-difiza stqarret li ma kiinitx qed tikkontesta l-ammissibilta ta' tali dokument.

**Joseph Naudi,** Spettur rar-Regjun ta' nofs in-nhar xehed fil-5 ta' Lulju, 2016[8] u stqarr li dakinhar tas-6 ta' Mejju, 2015 ghall-habta tal-11.00a.m kien qieghed San Gwann u jghid li dan kien il-jum meta Malcolm Gilford kien gie aggredit u meta mar fuq il-post sab lill-appellant mizmum mill-pulizija. Fuq il-post kien hemm tlett pulizija tat-Traffiku u vettura tal-ghamla Mitsubishi *pick up* bin-numru ta' registrazzjoni DAU 596 f'nofs ta' triq. Jaf li l-gwardjan lokali kien qed isuq mutur li kien fuq il-post. Quddiemu pero' ma sehh xejn.

**Gordon Micallef** xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2016[9] u qal li jiftakar li kien mar ghandu Warden 701 u xtara helmet u wara jinvoijsja lil Guard & Wardens u l-valur taghha kien ta' €60 bil-VAT inkluz u mistoqsi jekk jafx ghalfejn kellu bzonn din il-helmet jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk kienx muri l-helmet li kellu qabel il-miksur jghid li ma rahx. Qal li l-helmet ghandha visor.

[8] Fol. 145
[9] Fol. 150

Rat dak verbalizzat mid-difiza nhar id-29 ta' Settembru, 2015 [10] u cioe li ma kienitx qed tikkontesta li C 701 Malcolm James Gilford kien jokkupa l-kariga ta' gwardjan lokali fid-data tal-allegat incident.

Rat ir-ritratti ( 5) esebit fl-atti a fol. 160 go envelop kannella li juru vettura ta' kulur bajda b'tatina fuq l-mudguard naha tal-lemin. Rat ukoll is-*survey report* markat bhala dok LS 7[11] u anness ma dan is-survey li jindika li hemm hsara fuq il–vettura tal-ghamla Mitsubishi DAU 595 fl-ammont ta' €417.50 hemm ritratti tal-Mitsubishi bl-istess tatina fuq il-mudguard naha tal-lemin.

L-appellant **Leonard Sacco** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar il-21 ta' Frar, 2017[12] u stqar li huwa jahdem fid-dipartiment tal-Inginerija tal-Airmalta li jinsab hdejn l-Lufthansa l-antika. Spjega li nhar is-6 ta' Mejju, 2015 ghall-habta tal-11.00a.m u kien qieghed break u kellu xi terrapien li ried jarmi hal-Luqa. Ghalhekk hareg minn hdejn l-Express trailers, baqa' niezel u mar jarmi it-terrapiem. Rega lura u ra li l-pulizija tat-Traffic kienu ghadhom hemm stazzjonati u mar biex jidhol minn hdejn is-showroom tal-Melita minfejn kien hareg qabel. Dak il-hin kellu l-mobile fuq id-dash board u ried jikser bis-serqa ghaliex kien hemm hafna traffic, u l-mobile kien ser jizloq u qabdu. F'dak il-mument izerta kien ghadej il-warden ghamillu sinjal biex jieqaf u waqaf, ipparkja, nizel u mar hdejh u qallu li ma kienx qed icempel ghaliex kien induna ghaliex kien waqfu. L-warden qallu ' *inzilt bil-van hsibt li ha tbezzani*' u qallu li kien nizel biex jurih u dak il-hin il-warden beda ihares lejn in-number plate tal-vettura teighu u qallu li ma jimpurtahx minn dak li kien qed ighidlu u qallu '*la kont bil-mobile nghatihilek'*.

Huwa pprezenta dokument li gie markat bhala dok LS1, mahrug min Vodafone dwar it-telefonati u cioe l-logs tax- xahar shih tal-mobile tieghu u inkluz hemm dak il-jum partikolari u u jirizulta li fil-hin tal-incident ma kien hemm l-ebda telefonati, la messaggi ma hemm xejn registrat.

---

[10] Fol. 124
[11] Fol 162
[12] Fol. 183

Dak il-hin lil warden qallu *'mela ghatihieli la trid tghatihieli'* qallu ukoll *'ma tieqafx hawn, inkompoluha t-tribunal.'* Il-warden staqsih jekk kienx qed jehddu u qallu *'biex qed nheddedk'*. Dak il-hin il-warden qabad ir-radio u beda jistaqsi ghall-assistenza u jghid li kien hemm persuna li qed theddu. Qal li dar fuqu u qallu li jekk kellu itiehilu kellu itih it-tahrika ghaliex kien qed itirlu l-hn tal-break. Il-warden qallu *'issa heddidni quddiem ix-xhieda'*. Qallu li kien ser jitlaq la ma tahx it-ticket u huwa u jaqsam it-riq u imur lejn il-van beda ighajru coward, bla bajd, chicken. Mexa metru izda xi haga go fih qallu titlaqx ghax tigix ghar li ma obdiex l-ordni tal-awtorita. Rega nizel u mar hdejh fejn talbu itih it-ticket. Rega telaq u rikeb fil-can u l-warden rega beda igharju l-istes diskors chicken, bla bajd, coward u fil-fratemp wasal it-tieni warden u staqsih x'kien gara u dan qallu li kien nizel ghalih bl-erra u li beda joffendih u jheddu. It-tieni warden qallu biex jirtira dak li kien qal u dak il-hin stess qallu li mhux veru kien qal dak li kien qed jigi allegat . Sa dan it-tant il-warden beda jitkeb ic-citazzjoni. Qata l-karta u qabad ic-citazzjoni u qal i kien tah akkuza ta' thedid u l-ohra talli kien qed isuq bil-mobile f'idu. Appena hadhom minn idu l-warden qallu *'lili ma tghamilliex hekk'* u mar hekk ma wiccu. Meta dan il-warden Malcolm Gildord ghamel hekk kien gja ha is-sald biex imur ghal gol van u gholla idu u appena ghamel hekk laqtu u l-warden mar biex jahbat ghalih. It-tieni warden indahal bejniethom u Malcolm Gilford prova itih waqt li kien qed jipprova jimxi lura. Izda ma laqtux ghaliex kellu l-ostakolu tat-tieni warden quddiemu.

Meta ra hekk li ma setax jilhqu qabad il-helmet qalaha u waqghet ghal wara. Gew f'punt li gew ma genb il-vann peress li lilu ma lahqux, appena ghaddew minn ma genb il-van, qabad saqajh u laqat il-van minbarra d-dagha li qal. Huwa ghamel referenza ghal hames ritratti esebiti mehuda minnu stess dak in-nhar ftit minuti qabel ma gabruh. Fuq dawn ir-ritratti tidher id-daqqa u kkonferma li is-*survey report* sar minn Antoine Mugliett fuq rikjesta tieghu stess u markat bhala dok LS7. Ipprezenta ittra ufficcjali kontra dan il-gwardjan lokali fejn fitxu ghad-danni sofferti minnu (kopja tal-ittra legali prezentata fl-atti u markata bhala dok LS8 (fol. 200) u in oltre irraporta lill-pulizija kemm li l-gwardjan ghajru kif ukoll li kkagunalu hsara volontarja fuq il-vettura tieghu.Mistoqsi jekk qalx lill-pulizja dwar din il-hsara meta ghamel l-istqarrija tieghu jghid li l-pulizija kien qallu biex igib stima tal-hsarat u ghalhekk kien mar l-ghada bis-survey report. Mistoqsi ghaliex ma kienx qal din il-

materja lill-pulizija mill-ewwel ighid li dak il-hin kien imgerfex minhabba li kellu imur lura x-xoghol. Jghid pero' li *a tempo vergine* kien qal lil PC 1287 li kien fuq il-post jinvestiga il-kaz li Malcolm Gilford kien ta' daqqa ta'sieq lil mudgaurd ta' quddiem tal-vettura tieghu kif jirrizulta mill-affidavit ta' l-istess PS 1287 Calleja.

In difesa xehed **PC 646 Albert Saliba**[13] u qal li kien ilu membru tal-korp tal-pulizija ghal dawn l-ahhar seba' snin u nofs u qal li darba minnhom kien ghaddej iz-Zurrieq bil-vettura tieghu mhux tas-servizz u meta wasal hdejn ir-*roundabaout* iltaqa' mal-warden Malcom Gilford u appena hareg minn fuq is-sinjal *give way* il-warden waqfu. Qal li xeghel il-*beacon lights* tal-quad bike tieghu u beda idoqq il-horn ripetutament. Jghid li hu ma waqafx zoptu ghax kien f'nofs ta' triq u ghalhekk waqaf iktar 'l fuq. Qal li l-warden beda igholli lehnu. Spjega li kien hemm incident iehor nhar lejliet l-ewwel ta-sena fejn kien involut ma dan l-istess warden u qal li l- warden spicca ghamel rapport kontra tieghu mal-internal Affairs Unit fi hdan il-pulizija u huwa anke ghamel rapport fil-konfront tieghu ma l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq.

**Antoine Mugliett** xehed nhar it-12 ta' Dicembru, 2017 u kkonferma id-dokument LS 7 rilaxxjat minnu u cioe ir-*survey report* li huwa ghamel in konnessjoni mal-hsarat li huwa irriskontra fuq il-vettura tal-ghamla Mitsubishi van numru ta' regisrazzjoni DAU595. Muri ir-ritratti esebiti fl-atti u jghid li dawn huma l-istess hsarat li huwa ra fuq il-vettura appena imsemmija. Mistoqsi jekk l-akkuzat kienx qallu kif gew kagunati il-hsarat jghid li dan qallu li ma kienux kagunati b'incident awtomobilistiku izda incident b'warden. F'dan il-kaz ma kienx hemm kuluri ta' vetturi u lanqas brix tatina biss.

**Jack Farrugia** xehed nhar it-12 ta' Dicembru, 2019 u qal li fil-festi tal-Milied tas-sena 2014 kien stazzjonat l-RIU u fix-shift mieghu kellu lil PC 646 Albert Saliba u kkonferma li l-warden Malcom Gilford kien hareg citazzjoni fil-konfront tal- pulizija PC 646. Qal ukoll li kien ilataqa' mieghu u pprova ikelmu kif ghandu jittratta ufficcjalli tal-korp u spicca irraportah ukoll ma l-Assistent Kummissarju Sandro Zarb. Fil-fatt qal li kien kiteb rapport kontra tieghu u zejjen ir- raport tieghu b'affarijiet inveritjeri Fil-fatt jghid li kien wiegeb ghal dan ir-raport u kien waqa'

[13] Fol. 210

kollox minhabba li kien car li ir-rapport kien qiehed vindikattiv u inveritier u waqa' kollox. Mistqosi jekk jafx lill-akkuzat iwiegeb fin-negattiv.

Ikkunsidrat.

Illi peress li din il-Qorti kienet sabet li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kienet nulla din il-Qorti trid tittratta ma l-akkuzat ghall-akkuzi kollha mill-gdid.

Il-Qorti rat it-tieni aggravju tal-appellant li hu wiehed procedruali u cioe' li din il-Qorti ghandha tiskarta dak kollu li qal l-appellant *a tempo vergine* tal-investigazzjoni fuq il-post lis-surgent PS 539 Fabian Caruana u dan ghaliex dak li intqal mill-akkuzat intqal meta dan ma kienx inghata d-dritt li ikun assistit minn avukat u ghalhekk jekk din il-Qorti kellha taccetta dak li qal l-appellant tkun qed tivvjola hi stess id-dirtt tal-appellant ghal smiegh xieraq. Pero' minn esami ta' l-atti jirrizulta li fil-fatt l-appellant fuq il-post kien tkellem mhux biss ma PS 599 izda ukoll mal-gwardjan lokali Lawrence Gilford li kien qed jassisti lil ibnu Malcolm Gilford fil-qadi ta' dmirijietu u ghalhekk dak li setgha qal lil dan l- ufficcjal Lawrence Gilford ukoll ghandu jigi skartat stante li Lawrence bhal ibnu Malcolm Gilford huma ufficcjali publici li kienu qed jaghtu servizz publiku. Illi dak li intqal mill-appellant lilhom intqal fil-vesti taghhom ta' ufficcjali pubblici u mhux fil-konfront taghhom personali u ghalhekk ukoll l-appellant kellu jinghata id-dritt ta' assitenza legali qabel ma tkellem maghhom. Din il-materja tapplika ukoll ghal dak li l-appellant qal lill-ufficcjal prosekutur u invstigattiv Hubert Cini u dan ghaliex ghal darb ohra fin-nuqqas ta' assistenza ta' avukat l-appellant seta qal xi kliem li bihom seta inkrima ruhu. Jirrizulta bhala fatt li l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant nhar is-6 ta' Mejju 2015 ( Dok HC 5 fol. 21) giet rilaxxjata mill-appellant meta ma kienx inghata id-dritt ta' assistenza legali.

Dwar din il-materja din il-qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi taghha stess fosthom **il-Pulizija vs Claire Farrugia**[14], **Republika ta' Malta vs Romario Barbara**[15],

---

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 259/2018)
[15] Deciz mill Qorti Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru 2020

**Republika ta' Malta vs Christopher Doll**[16] fejn irriteniet li tali xhieda moghtija minn akkuzat minghajr ma jkun inghata id-dritt li jkun assistit minn avukat ma hix xhieda ammissibli. Fil-fatt din il-Qorti meta ghamlet ri assunt tal-provi lanqas ghamlet referenza ghal tali xhieda moghtija mill-appellant lil dawn l-ufficcjali u dan sabiex zgur ma tkunx pregudikata fl-apprezzament tal-provi li ghandha taghmel.

Fil-fatt anke fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella'** [17], il-Qorti irriteniet li " *il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l- interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.* Kompliet itenni li *"Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l- gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.* '

Fir-rigward tal-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-appellant il-Qorti sejra tistrieh fuq dak li qal hu stess waqt li kien fil-pedana tax-xhieda fejn sahansitra anke saritlu l-kontro esami relattiv.

Fir-rigward ta' l-ewwel akkuza u cioe li l-appellant ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Malcolm James Gilford G701 l-appellant isostni li din l-akkuza m' ghandhiex tirrizulta provata u dan ghaliex il-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-element formali tar-reat u cioe l-intensjoni kriminuza tal-appellant li jikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna tal warden .

Illi kif tajjeb osserva l-appellant fis sub inciz 'C' tar-rikors tal-appell tieghu li l-element formali rikjest biex jissistuxxi r-reat ta' offiza volontarja, huwa l-intenzjoni, anke dik generika li tikkawza hsara, u l-qorti izzid anke jekk tkun ta' portata zghira, u cioe sempliciment *'the intent to cause harm'*, pero' tali element xorta jrid jirrizulta mill-assjem tal-provi illi l-Qorti jkollha quddiemha. Fl-assenza ta' l-element formali

---

[16] Deciz mill Qorti Kriminali nhar l-20 ta' Novembru 2020

[17] Deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju, 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 104/16 JZM).

ma jistax ikun hemm responsabbilta' penali. L-att materjali jrid ikun xorta sar bir-rieda u bil-volonta', sabiex tinstab htija kriminali. Fi kliem iehor, il-fatt illi l-ligi taghna f' dan ir-rigward dejjem giet interpretata fis-sens illi titlob biss prova ta' intenzjoni generika, ma jfissirx illi kwalunkwe azzjoni li tkun, la darba tikkawza hsara, hija awtomatikament prova ta' intenzjoni generika li tikkawza hsara. Hemm bzonn ta' provi li jsostnu dan. Illi konsegwentement sabiex jissustixxi dan ir-reat, irid jigi pruvat mhux biss l-*actus reus* u cioe l-fatt li gew ikkawzati danni fuq il-persuna, per konsegwenza ta' l-agir tal-persuna akkuzata, izda hemm bzonn li ssir il-prova illi l-akkuzat kellu l-intenzjoni, anke jekk ta' natura generika illi JWEGGA', anke jekk b' mod hafif.

Illi sabiex wiehed jiddetermina dan, anke skond il-gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna f'dan ir-rigward, wiehed irid bilfors jezamina bir-reqqa dak li rrizulta mill-provi, senjatament f' dak li jirrigwardja n-natura u l-kwalita ta' l-ghemil tal-persuna li wassal biex jikkawza l-hsara. F'dan il-kaz l-Qorti trid tesamina bir-reqqa dak li qal l-appellant fix-xhieda tieghu u dak li irrizulta fil-persuna tal-allegat vittma G701.

Din il- Qorti ta'l-Appell spjegat u kkristalizzat il-punt ta' l-importanza ta' l-element intenzjonali, f'kawza fl-ismijiet **Il-Puliizja vs Doreen Zammit**[18]. Il-Qorti filfatt rreteniet illi '*wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel. Minn dawn il-fatti jemergi l-element formali ta' dan ir-reat addebitat lill-appellanti. Dan ukoll kien parti mill-apprezzament tal-provi fl-assjem taghhom li sar mill-ewwel Qorti w li din il-Qorti ma ssib ebda skorrettezza fih…*'

In konkluzzjoni dwar dan il-punt, huwa rilevanti wkoll dak li jissottometti l-Profs Mamo, a rigward ta' kif Qorti ghandha tevalwa l-agir tal-persuna akkuzata, meta dan jikkawza griehi fuq il-vittma:

*The principle is that in the crime of bodily harm, a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued.*

[18] Deciza fil-15 ta' Gunju, 2001

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, HAVING REGARD TO THE MEANS USED BY THE OFFENDER AND HIS MODE OF ACTION one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. SHOULD THERE STILL REMAIN A DOUBT AS TO THE GRAVITY OF THE RESULT AIMED AT BY THE OFFENDER, THE PRINCIPLE WILL NATURALLY APPLY- IN DUBIO PRO REO'.*

Fil-kaz in desamina jirrizulta skond it-tabib li irrilaxja ic-certifikat mediku (fol. 7) li l-allegat vittma allegatament qala daqqa ta' ponn f'wiccu fejn meta esamianh sab li kellu *' a small (1cm) lacero contused wound onlower jaw right side* u ugiegh f' wiccu fin-naha tax-xellug.' Huwa kklasifika dawn il-feriti bhala ta' natura hafifa. Ic-certfikat mediku ghalkemm ma giex konfermat ma hux qed jigi kontestat. G 701 Malcolm James Gilford jghid fix-xhieda tieghu li;

*"kif qtajt it- tickets u ha nghatihomlu, hatafhomli, ghaffighomlli u xarrabli daqqa ghaliex idejh kellu l-mobile hawn hekk, geddumi li qasamli geddumi u kelli d-demm niezel. Kelli l-qmis mimlija demm, imlejt l-field officer ukoll bid-demm u dak il-hin waqajt ma l-art jiena speci ma nafx x'laqatni".*

Min naha l ohra

Il-Qorti imbaghad staqsiet lil G 701;

" Pero' *missierek ma kienx mieghek meta sehh l-incident hux hekk?"*

G70 " *meta qlajt id-daqqa hemm hekk kien iva".*

U l-Qorti regghet staqsiet " *Hemmhekk kien ukoll*?"

G701 ighid " *Iva hemmhekk kien meta qlajt id- daqqa meta waqqaftu biss ma keinx qieghed hemm imma meta qlajt id-daqqa hemmhekk kien qighed"*

Il-Qorti ghalhekk ghaddiet biex tara dak li qal missier l-allegat vittma ucioe Lawrene Gilford fix-xhieda tieghu jghid " *waqt li qed jghamel xoghlu l-gwardjan ( u cioe ibnu G 701) u qed johrog it-tickets tieghu, l-individwu (l-appellant) hataf bl-gherra it-tickets, f'diejh l-ohra kellu l-mobile daru xarrablu daqqa t'a ponn waqt likien qeieghed daru lejh biex ma jkunx hemm izjed argumenti, biex nghatihomli jiena, dan dar pront u xarrablu daqqa bil-mobile f'idejh u hadu hawn taht."*

Il-Qorti hasset li kellha tintervjena u staqsiet lix-xhud " *Issa ara meta tghid illi dahar u xarrablu din id-daqqa, f'dak il-mument lil dan l-individwu ixarrab din id-daqqa rajtu?"*

Ix-xhud *"Ovvja kien warajja.*

Qorti *" Imma ghajnejk quddiem ikunu?"*

Xhud *"Ovvja s intendi hekk hu.*

*Qorti : Jigifieri jekk hu kien qieghed warajk u inti kont qed thares id-direzzjoi l-ohra inti rajtu jew smajt x'gara?"*

Xhud: *" Le idu ghaddiet minn meighi bil-mobile.*

Qorti*; Jigifieri idu rajtha inti tiela?"*

Xhud*; Iz zgur ghax il-gwardjan qiegehd qwuddiemi, jiena qieghed hekk.*

Qorti; *B'darek lejn l-individwu?"*

Xhud*; U l-individwu qieghed hawn meta appena hergin it-tickets.*

Qorti*; U l-mobile fl-id l-ohra, inti din l-id tbil-mobile jigifieri rajtu jxejjirha wicc is 701.?"*
*Xhud Iva infatti s 701 mad-daqqa dawwar wiccu hekk veru md-daqqa u rajtu hawn hekk miski bid-demm, jiena sa dan it-tant qbadt lill-individwu ressaqtu 'l fuq b iex ma jkunx*

*hemm izjed argumenti u rajt is-701 u harist wahda lura u rajt lis-701 jsitordi u jaqa' ma l-art..."*

l-appellant jaghti versjoni differenti ta' dak li gara u jghid li:

*"...sa dan it-tant l-ewwel warden beda johrogli c-citazzjoi, jiena sa dan it-tant ma nafx x'inhu jigri, it-tieni warden qallu hemm x'int tghmel ghax il-karta kien fiha xi zewg metri u dan qataghhom tawhom, ahna konna qaqocca sewwa it-tlieta hdejn xulxin, qabad ic-citazzjoi ghamel hekk, qallu tajtu wahda tat-theddid u l-phra ta' l-mobile jiena hadthomlu minn idu ghax jiena mohhi kien l-intensjoni li nitlaq, hatdhomlu minn idu, hekk.. u kif had=thomlu minn idu, qalli lili ma taghmillix hekk u gie hekk ma wicci.."*

l-Qorti staqsietu *"min?"*

Appellant: *'ta ' warajja l-warden"*

**Qorti** *"Malcolm Gilford?*

**Appellant;** *"Malcolm Gilford iva u kif ghamilli hekk jiena kont diga hadt is-sald biex niehu direzzjoi beix immur ghal van dan jiena inhsadt u ghamilthekk."*

**Qorti** *" U ghollejt idejk jigifieri?*

**Appellant:** *"U ghollejt idejja u kif gholejt idejja ilqattu dan gie biex jahbat ghalija, it-tieni warden dahal bejneithna u sejjer hekk jipprova jaghtini"*

**Qorti:** *" hu min?"*

**Appellant:** *"il-warden"*

**Qorti:** *"Malcolm Gilford?"*

**Appellant:** *"Malcolm Gilford jipprova jaghtini hekk u l-iehor bejneithna"*

**Qorti** *" ii-tieni warden?"*

Illi ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif in fatti sehh l-incident. Dik proposta mill-allegat vittma korroborata minn missieru Lawrence Gilford li ighidu li l-appellant hataf ic-citazzjoni minn idejn Malcolm Gilford u tah daqqa ta' ponn bil-mobile f'idu fuq geddumu u dik moghtija mill-appellant li jghid li hu gholla idu ghax inhasad u laqat lil warden Malcolm Gilford. Jirrizulta li f'dan il-mument meta l-warden spicca ferut huwa kien libes il-helmet u ghalhekk huwa in vero simili li l-akkuzat kellu l-intesnjoni li iferrih billi itih daqqa ta' ponn meta kien libes il-helmet ghaliex l probabilita kienet tkun li iwegga hu. Huwa iktar vero simili li fil-fatt l-appellant verament gholla idu u laqat l-geddum tal-warden. Huwa ukoll inverosimili li b'qata ta' centimetru l-appellant jintela minnufih bid-demm kif stqarr hu u li jistordi u jaqa' ma l-art. Jinghad ukoll li jekk missier l-allegat vittma li allegatament kien bejn l-appellant u l-allegat vittma ghaliex ma waqafx lill-appellant milli jghati id daqqa ta' ponn jekk jghid li ra id l-appellant tghaddi minn quddiem biex jaghti id-daqqa lil ibnu? Fil-fehma tal-Qorti dan l-incident kien wiehed involontarju u ghalhekk ma hemmx l-intensjoni tal-appellant li iferra lill-warden G701 u ghakhekk it-tielet aggravju indikat bl-ittra 'c' tal-appellant qed jigi milqugh u ghalhekk din il-Qorti mhiex qed issibu hati ta' l-ewwel akkuza u cioe li kkawza ferita ta' natura hafifa fuq il persuna ta' G 701 Malcolmm James Gilford.

L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu fil-paragrafu indikat bl-ittra 'A' jilmenta dwar il-kredibilta li ghandha tinghata lix-xhieda ta' Malcolm Gilford stante li fil-fehma tieghu ma hiex kredibbli. Jinghad li bhala principju kardinali l-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel qorti, jekk mhux ghal motivi gravi. Gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-

Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex.

Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjoni tieghu u ghall-passjoni, huwa haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun gej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq incidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarieda e.g. identita', velocita' ta' veikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghall-kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setghu gew osservati, allura isir car li wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni tieghu jeghlbuh u b'hekk jabbuza mill-process gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabilita' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi kriminali, huma generalment sufficjenti ghall konvinciment tal-gudikant.

Illi din il-kawza tistrieh biss fuq il-kredibilita' tax-xhieda u wkoll fuq jekk l-allegat vittma ppruvax l-allegazzjonijiet tieghu fil-grad rikjest mil-ligi, u allura wkoll fuq l-apprezzament li l-ewwel qorti ghamlet fuq id-deposizzjonijiet tal-kontendenti u x-xhieda minnhom prodotti u d-dokumenti prodotti in sostenn tal-akkuzi migjuba mill-prosekuzzjoni .

Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tal-akkuzi jew tad-difiza u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi

tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.

Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima '*actore non probante reus absolvitur*' Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.

Illi fit-tieni lok l-prosekuzzjoni qed takkuza lill-appellant li ingurja hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' G 701 persuna inakrigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li ghamel dan is-servizz ai termini tal-artikolu 95 tal-ligijiet ta' Malta.
Illi l-**Artikolu 95** jitkellem dwar l-ingurja u t-theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Dan ir-reat huwa dak ta' oltraggio kif ikkontemplat fl-Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita` specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku.

Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Il-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti sservizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta malfunzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l- Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu hekk:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra, irid jigi ppruvat in-ness bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu jghid hekk:

*"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[19], inghad illi l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:
*"Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii.*

[19] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997

*Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi."*

Illi fil-kaz in desamina jidher u dan hu anke ammess mill-appellant stess li huwa qabad u ha it-tahrika minn idejn l-ufficcjal publiku u cioe mill-warden meta kien fil-presenza ta' ufficcjal iehor . l-appellant stess jghid waqt li kien fil-pedana tax-xhieda li lill-ufficcjal G 701 qallu"...insomma ghedtlu meta ghathieli hux, ghedtlu la trid taghthieli, ghedtlu ma tieqafx hawn, inkompluha it-tribunal." L-ufficcjal ha din bhala theddida u qallu " qed theddedni" Dak il-hin l-appellant jghid li qallu beix itih it-ticket sbeix jitlaq'l hemm izda il warden qallu beix ma jtilaqx ghax tigix ghar fis-ens li iharku li ma bediex l ordni ta' ufficcjal pubbliku. Il-warden imbagahd tah it tahrika u qallu li kein ser ikollha zewg akkuzi u cioe li kien qed isuq bil mobile f'idu u li heddu. G 701 jghid li fil-fatt l-appellant heddu u qallu kliem mhux xieraq u li fil-fatt hebb ghalih tant li qattalu l-qmis ( pero' din ma gietx esebita ) u l-qalziet li minn

esami ta' l-istess jidher li tqaccat fil-parti t'isfel tal-hjata bejnil-koxox u ghalhekk invero simili li kien l-appellant li qaccatulu..

Illi jidher minn esami tal-provi li l-ufficcjal Malcolm James Gilford ma keinx konsistenti fix-xhieda tieghu kif tajjeb irrileva l-appellant fir-rikros tal-appell tieghu . Fl-ewwel lok jinghad li Malcolm Gilford xehed minn fuq in-notamenti li kellu quddiemu li inkitbu minn missieru Lawrence Gilgord. Pero' filwaqt li l-appellatn jghid li dawn inkitbu fl-isptar met ahuwa kien midrub u migugh missieru jghdi li kitbhom fu qil-post tal-incident . Jirrizulta ukoll li waqt li Malcolm jghid li misieru kiteb dak li qallu u spejgalu hu , missieru Lawrence jghid li kiteb dak li ra u semgha hu waqt li kien fuq il-post. Jinghad ukol lli waqt li Malcolm jghid li meta hebb ghalih l-appellant tilef il-visor missieru Lawrence jghid li kien hu li poggiha fuq il-mutur flimkien mal-helmet. Ghalhekk tali inkonsistenti ixxejjen il-kredibilta tal-allegat vittma u ghalhekk dinil-Qorti ma heix tal-fehma li effettivament l-appellant hedded jew ghamel ingurja fuq il-persuna ta' G 701.

Fit-tielet lok l-appellant gie akkzuat bir-reat ta' lli ghamel resistenza fuq ufficcjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijeitu ai termni tal-artikolu 96 tal-ligijeit ta' Malta. L-**Artikolu 96,** imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan irreat:

Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew ir-resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita` ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-**Professur Mamo** ikompli jghid hekk:

*"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".*

Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza,

vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.

Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolineat iktar 'il fuq u cioe` illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita` li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku, hija necessarja. Altrimenti l-element formali ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.

Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew ir-resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita` kompetenti. Il-**Professur Mamo** jkompli jghid:

*"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

U kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**[20]:

*"Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista 'il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb."*

[20] moghtija fis-26 ta' Jannar 1999 mill-Qorti tal-Appell
Kriminali,

Illi l-prosekuzzjoni qed tallega li kien l-appellant li hebb ghall ufficcjal G 701 tant li filf-att qatalu l-qalziet. Jidher li mill-provi prodotti u dan qed jinghad ghaliex il-qalziet jinsab esebit, li l-qalziet tqaccat mal-hjata proprju bejn il-koxox tal-appellant. Jidher ghalhekk li huwa invero simili li dan sehh minhabba l-appellant. Id-difiza min naha l ohra qed tghid li dan sehh meta l-warden gholla saqajgh u ta' daqqa ta' sieq il-mudguard tal-vettura tieghu tal-ghamla Mitsubishi numru ta' registrazzjoni DAU 596 li certametn hija katar kompatibbli. Id-difiza marret pass otlre u esebiet ritratt ta' din it-tatina kif ukoll survey li gie konfermat biex tipprova il-hsara li filf-att sofriet hu minhabba l-agir abbusiv tal-warden. L-appellant fix-xheda tieghu ma jaghti ebda diskrizzjoni ta' kif sehhet din it-ticrita li qed jghid giet kagunata minhabba l- agir tal-appellant. Lanqas jghid f'liema mument fil-fatt sehhet it-ticrita. Muri ir- ritratti tal-vettura bil-hsara jghid li fl-ebda hin ma resaq lejn il-vettura u konvenjentement missieru gie mistoqsi jekk rax lil ibni jaghti daqqa lil vettura tal-appellant jghid li ma rahx. Illi fil-fehma tal-Qorti l-prosekuzzjoni naqset mili tressaq provi dwar ir-resistenza li allegatament ghamel l-appellant fil-konfont tal-allegat vittma . Fir-rigward tal-allegazzjoni li qattalu l-qmis din ma tirrizultax stante li la l-qmis u lanqas ritratti taghha ma gew esebiti fl-atti.

Fir-raba' lok l-appellant gie akkuzat bil-kontravenzjoni talli ma obdix l-ordni legittimi tal-awtorita u appuntu ta' G 701 ai termini tal-artikolu 338 (ee) tal-kap 9 tal-ligijeit ta' Malta. Illi sabiex din l-akkuza tirrizulta l-prosekuzzjoni l-ewwel net trid tipprova li in fatti l-ufficcjal G 701 ta' xi ordni lill-appellant u wara trid tipprova li mghoti tali ordni naqas li jsegwiha. Illi l-Qorti tinnota li bid-dispjacir kbir il-prosekuzzjoni qabdet u akkuzat lill-appellant b'tali akkuza meta hija stess ma identifikatx x'kienet l-ordni li inghata u ghalhekk tali akkuza ukoll ma gietx provata lanqas remotament.

Fir-rigward tal-hames akkuza u cioe li kkaguna hsara ta' natura volontarja fuq il-hwejjeg ta' G 701 u cioe l-qmis u helmet tieghu ai termini tal-artikolu 325 tal kap 9 tal-ligijeit ta' Malta jinghad li l-prosekuzzjoni kellha fl-ewwel lok tipprova x' kienet il hsara. Fir- rigward tal-qmis ma jirizultax x' tip ta' hsara kien hemm u dan ghaliex ma gietx esebita l-qmis jew ritratt taghha u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tikkonferma li fil-fatt l-qmis kellha din il-hsara li qed tirriklama l-prosekuzzjoni. Fir-

rigward tal- allegat hsara fuq il-helmet jirrizulta minn dak li stqarr Lawrence Gilford stess u cioe missier G 701 li huwa pogga il helmet bil- visor fuq il- mtuur u dawn ittihdu l-ghassa. Kien biss meta marru jigbruhom mill-ghassa li l-visor ma kienitx hemm. Ghalhekk zgur li ma jistax jahti ghal dan in-nuqqas l-appellant. Jekk il-prosekuzzjoni qed tghid li kie nhemm xi hsara ohra fil-helmet per esempju xi brixx jew grif fuqha din ukoll kellha tigi esebita u murija lil Qorti. Mhux hekk biss izda kien l-allegat vittma stess li waddab il–helmet ma l-art u ma jirrizultax li din waqghet minhabba li involontarjament laqtu fuq geddumu. Il- helmet tnehhhiet bhala rizultat ta' l- agir ta' G 701.

Ghalhekk in vista tal-kwadru tal-provi prodotti din il-Qorti , wara li gja irrevokat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti permezz ta' sentenza preliminari taghha fl-ismijiet premessi nhar l-20 ta' Ottubru 2020 qeda tiddikjara li qed tilqa' l appell tal-appellant in toto u tiddikjara li ma hix qed issib lill-appellant hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe 95,96, 221 (1), 325 (c) u 338 (ee) tal- kodici kriminali tiddecidi li tilliberah minn kul akkuza u piena.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef